MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1541/2005

**Middle Sea Insurance plc**

**vs**

**John Camilleri**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-20 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' mitejn tlieta u disghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm293.36) rapprezentanti rifuzjoni ta' pagament u danni li gew sofferti mis-socjeta attrici bhala inadempjenza da part tal-konvenut li jottempera ruhu mal-polza ta' assikurazzjoni u cioe naqas li jinforma lill-atturi li l-vettura tieghu CBG 145 kienet involuta f'incident tat-trafiku fis-17 ta' April 2003, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittra legali tat-13 ta' Gunju 2005.

Ra li waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar, 2006, is-socjeta attrici rriduciet it-talba taghha ghal Lm268.36c (mitejn, tmienja w sittin liri Maltin, u sitta w tletin centezmi).

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fil-25 ta' Novembru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' mitejn, tmienja w sittin liri Maltin, u sitta w tletin centezmi (Lm268.36c) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------